MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta ta' l-14 ta' Frar, 2013

Appell Kriminali Numru. 72/2012

**Il-Pulizija**
**(Spt. Jesmond Micallef)**
**Vs**
**Raymond Mallia**

**Illum 14 ta' Frar, 2013**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant [detentur tal-karta tal-identita` numru 514590(M)] quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fil-25 ta' Gunju, 2011 ghall-habta tas-6.00 p.m., fl-Msida,
1. hebb kontra l-persuna ta' Sarah Mallia, sabiex tingurjaha, ddejjaqha w jew taghmillha hsara;
2. ikkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Sarah Mallia skond ma ccertifika Dr. J. Wyatt Muscat MD tal-Floriana Health Centre.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-7 ta' Frar, 2012, li biha, wara

li rat l-artikoli 339(1)(e) u 221 tal-Kodici Kriminali sabet lill-appellant hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u b'applikazzjonijiet tal-artikolu 383 tal-Kodici Kriminali, l-Qorti rabtet lill-appellant b'obbligazzjoni personali taht penali ta' hames mitt Ewro (€500) ghal zmien tnax (12)-il xahar milli jimmolesta jew jivvessa lil Sarah Mallia.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fil-15 ta' Frar, 2012, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka u thassar is-sentenza appellata billi tiddikjara lill-appellant mhux hati ta' imputazzjonijiet dedotti w kwindi tilliberah skond il-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huma s-segwenti w cioe':-

a. Illi dak allegat mill-kwerelata fil-konfront tal-appellant binha hu ghal kollox kontestat u michud kompletament.

b. Illi din apparti, l-istess kwerelata, sfortunatament, tiggieled ma kulhadd, tant li hi fil-fatt ammettiet li hi ghaddejja minn proceduri ta' separazzjoni ma' missier l-appellant li jigi r-ragel tal-kwerelata fejn hi anki ammettiet li rrappurtata ir-ragel taghha lil Pulizija liema haga saret bl-iskop biex jigi ordnat jizgombra mid-dar matrimonjali. Illi fil-fatt l-kwerelata irnexxielha f'dan l-iskop.

c. Illi bl-istess skop, il-kwerelata qed tinqeda b'dawn il-proceduri biex tikkontrolla lill-appellant skond kif jidhrilha hi liema haga indikat, vilment, fil-prezenza tal-konsulent legali sottoskritt barra Awla Nru. 9 fejn gheddet lit-tifel appellant : *"Jekk ma taghmilx kif nghidlek jien indahlek il-habs".*

d. Illi ghalhekk fil-kwadru tas-suespost, u biex tkompli taggrava s-sitwazzjoni, l-istess kwerelata toqghod thedded lill-appellant, li hu "single father" li jekk ma joqghodx ghal li tghid hi, ma taghmilhiex ta' "babysitter" biex b'hekk ma tiehux hsieb il-wild tieghu. Illi ghalhekk, f'dan ir-rigward, jidher car li l-kwerelata qed timxi bl-arma ta' rikatt u tippretendi li kulhadd joqghod ghaliha.

e. Illi hu f'dan l-ispirtu li kwalunkwe argument, irrespettivament jekk wiehed ghandux ragun jew le, m'hux accettabbli ghall-kwerelata. Illi hu ferm ghajb ghall-kwerelata li akkuzat lill-binha li "dejjaqha" meta fil-fatt ma gabet ebda prova hlief li hu ma qabilx maghha. Illi di piu, ma ngabet ebda prova li "ingurjaha" hlief li kellhom argument. Illi fil-fatt ma ngabet ebda prova li ghamillha "hsara" hlief li kellhom argument. Illi dan qed jinghad ghax fl-ebda stadju l-imputat hebb ghal ommu u/jew ikkagunalha feriti liema feriti holqithom hi stess wahidha u qed titfa` l-htija fuq binha li allegatament ghamilhom hu stess. Illi fil-fatt l-istess imputat qed jishaq kontinwament fuq l-innocenza tieghu, u dan *ad nauseam* konxju mill-fatt li ommu hi taht kura psikjatrika, liema kura qed tipprova timminimizza bhala insinjifikanti. Illi l-istess kwerelata qed tkun ta' periklu ghal min ikollu xi affari w/jew problemi maggha ghax kif tbiddel "il-mood" taghha tmur dritt l-ghassa w miskin hu min jigi rinfaccjat b'rapport u kawza l-Qorti bhal kaz odjern. Illi dan qed jinghad ghax l-istess kwerelata issa saret imdorrija tuza din is-sistema sakemm fl-ahhar il-Qorti tinduna li r-rapporti taghha ma jkunux fil-fatt veri. Illi, pero` nelfrattemp, l-istess kwerelata qed taghmel hsara lil hafna nies liema haga dina l-Onorabbli Qorti qed tigi mitluba tikkonsidera fid-dawl generali tal-kaz qabel ma jkun tard! Illi l-imputat isaqsi minn meta issa, ghax wiehed ikollu argument ma' ommu, issa sar reat? Illi minn meta issa ghax wiehed ma jaqbilx ma xi hadd dan ikun reat?

f. Illi s-suespost sitwazzjoni tigbed l-attenzjoni ghall-kawza ta' dina l-Onorabbli Qorti fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Pal Caruana". Illi f'din is-sentenza, dina l-Onorabbli Qorti fejn ghamlet riferenza ghall-kawza deciza mill-Qrati Inglizi fl-ismijiet Rex vs Cooper fejn intqal *"... an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict because the jury will have had the advantage of seing and hearing the witness, whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone. However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, the, very exceptionally, a conviction*

*will be quashed”.* Illi dan il-passagg kien gie ikkwotata b’approvazzjoni fil-kawza “Il-Pulizija vs Brian Caruana”. Illi f’dan ir-rigward dina l-Onorabbli Qorti ghandha tara jekk taqbilx mal-konkluzzjoni ta’ htija raggunta mill-Ewwel Qorti u jekk il-konkluzzjoni setghetx ukoll tasal “safely” fuq il-provi li kellha quddiemha. Illi jidher li l-Ewwel Qorti giet imkaxkra mill-fatt li l-kwerelata hi omm imma ma kkonsidtratx u ma tatx piz lill-fatt li bhala omm, il-kwerelata kellha ggib ruhha b’mod ferm responsabbli, fosthom, li ma tasalx fl-assurdita` li toqghod taghmel rapporti l-ghassa purament biex toqghod tirrikatta lill-binha ghax ma jaqbilx maghha w/jew ma jridtx joqghod ghar-rikatt kontinwu taghha meta suppost omm turi kompassjoni w responsabilita` lejn binha li hu ghaddej minn certu diffikultajiet. Illi din il-pozizzjoni hi konfermata mill-mod li l-istess kwerelata ittrattat lir-ragel taghha li llum qed jirresjedi f’garaxx.

*g.* Illi s-suespost hu konfermat ukoll mill-fatt li l-istess kwerelata anki ghamlet rapport kontra binha l-iehor, li jigi hu l-appellant li ghandu biss tlettax (13) il-sena! Illi, l-istess wild hu ghaddej mill-istess martirju bil-konsegwenza li jixtieq imur ma’ missier l-appellant milli joqghod ghall-komportament xejn accettabbli tal-kwerelata li ghazlet li tizola ruhha, naturalment kondizzjonata mill-istat psikjatriku taghha! Illi din is-sitwazzjoni tigbed l-attenzjoni ghall-kummenti li kien ghamel il-mbki Professur Anthony Mamo fejn qal : *“ .... The material element consists any fact to exist or appear to exist which may be used as evidence of a criminal offence against an innocent person. The intentional element consists in the intent on the part of the agent to procure that that person be unjustly convicted of a charge with the offence .....”* illi dan il-punt kien gie sollevat fil-kawza “Il-Pulizija vs David Zammit”. Illi l-istess Professur Mamo jindika, b’mod effettiv li : *“The specific malice of this crime consists in the intent to deceive or mislead justice by denouncing or making appear an offence which is known not to have been committed .....the motive of the agent is, always, to gain some particular profits for himself.”* Illi f’dan ir-rigward “il-profitt” minn naha tal-kwerelata hu li tikkontrolla lill-binha appellant biex joqghod ghal li tghid hi b’rikatt kontinwu,

fejn s'issa l-awtoritajiet kompetenti ghadhom ma ndunawx bl-iskop manipulattiv taghha.

*h.* Illi pero`, bhalma gie indikat qabel l-kondizzjoni psikjatrika tal-appellata hi tali li anki hadet ghaliha talli t-tifla tal-appellant, li ghandha biss circa sena (1), ghax bdiet tghajjat lill-missierha "papa" u m'hux "nanna" lill-appellata, hadet ghaliha w qajmet plejtu b'glied li bdiet l-istess appellata. Illi din l-attitudini testendi wkoll meta bil-mod kif iggib ruhha l-appellata ma' bintha stess fejn l-appellata toffendi lill-bintha w tittrattha hazin meta omm suppost iggib ruhha sew u responsabbli ma wliedha! Illi dan is-sens ta' instabilita` psikjatrika minn naha tal-appellata hi konfermata mil-fat li anki mar-residenti tal-blokk flats fejn tirrisjedi, l-appellata hi miggielda maghhom u l-istess residenti jevitawha ghax huma jafu li l-appellata hi inkwiet wahedha! Illi fil-fatt jigi osservat li l-appellata ta' spiss tkun wahdeha ghax f'nifs tkun tajba w f'nifs iehor ma trid xejn biex taqla` l-inkwiet li dak li jkun ghal xejn b'xejn u dan semplicement ghax jidhrilha hekk! Illi jekk l-appellata hi kapaci taghmel hekk lill-membri tal-familja taghha, l-istess appellata ma ssibx diffikulta` taghmel hekk lil barrani.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' Gunju tal-elfejn u hdax (2011) ghal habta tas-sitta ta' filghaxija (6.00 p.m.) fl-Imsida nqala' argument bejn l-imputat, Raymond Mallia, u ommu Sarah Mallia u dana il ghaliex l-omm ma riditx taghmilha ta' baby sitter ghal hin partikolari u dan irrabja lill-appellant illi rreagixxa u fl-argument minhabba illi ingurja u dejjaq lil ommu kkagunalha ukoll ferita ta' natura hafifa skont ma ccertifika Dr J. Wyatt Muscat tal-Floriana Health Centre.

L-appellant qed jikkontesta din l-akkuza u qed jitfa' l-htija fuq il-parti leza, ommu, li hija persuna difficli hafna u tiggieled. Mhux hekk biss talli ta' spiss taghmel rapporti lill-pulizija biex tuza din is-sistema bhala metodu kif iggib il-kontroll fuq in-nies ta' madwarha.

B’sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati tat-tmienja (8) ta’ Frar tal-elfejn u tnax (2012) l-appellant gie misjub hati u b’applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kodici Kriminali rabtet lill-appellant b’obbligazzjoni personali taht penali ta’ hames mitt ewro (€500) ghal zmien tnax-il (12) xahar biex ma jimmolestax lill-parti leza Sarah Mallia.

Fil-verbal tas-sbatax (17) ta’ Jannar tal-elfejn u tlettax (2013) dehret il-parti leza, Sarah Mallia, fejn iddikjarat ghal kull buon fini li qed tahfer lil binha u li m’ghandhiex pretensjonijiet kontra l-appellant. B’din id-dikjarazzjoni l-appellant qed jippretendi illi l-procediment gie ezawrit u b’hekk ghandu jigi illiberat mill-akkuzi migjuba kontra tieghu.

Din il-Qorti ma taqbilx illi din hija l-konsegwenza ta’ din id-dikjarazzjoni ta’ Sarah Mallia.

Ikkunsidrat:

Irrizulta illi dawn il-proceduri bdew wara li l-istess Sarah Mallia ghamlet rapport lill-pulizija illi kienet giet mhedda u aggredita minn binha l-appellant u l-pulizija mexxew din il-kawza ex officio. F’dan il-kaz, allura, skont il-gurisprudenza nostrana, il-mahfra tal-parti leza m’ghandha ebda effett fuq l-azzjoni u tista’ biss, f’kazijiet kongruwi, tinfluwixxi fuq il-piena.

Fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija versus Stephen Muscat deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali tal-hamsa (5) ta’ Mejju tal-elf disa’ mija hamsa u disghin (1995), il-Qorti qalet: “Kwantu ghall-mahfra u l-pretiza ezawriment tal-azzjoni, din il-Qorti tosserva illi ... ghalkemm dawn ir-reati huma normalment prosegwibbli biss fuq il-kwerela tal-parti leza, japplika f’dan il-kaz il-proviso tal-artikolu 373 tal-Kap 9. F’dan il-kaz, infatti, ir-reati ta’ insulti u theddid u ta’ offiza ta’ natura hafifa huma mhux biss akkompanjati minn reati li jmiss l-ordni pubbliku, il-ksur tal-buon ordni u l-kwiet tal-pubbliku, izda ghar-rigward ta’ dawn iz-zewg reati, il-parti leza ma mexxietx l-azzjoni kriminali hi u ma jirrizultatx illi rrinunzjat espressament ghall-istess azzjoni fi zmien erbat (4) ijiem minn dakinhar li sar ir-reat. Fic-

cirkostanzi, ghalhekk, l-azzjoni fil-konfront ta’ dawn iz-zewg reati setghet titmexxa ex officio, kif fil-fatt tmexxiet. Hi gurisprudenza kostanti ta’ din il-Qorti li meta l-azzjoni titmexxa ex officio fit-termini tal-imsemmi provisio, il-mahfra tal-parti leza ma ghandha ebda effett fuq l-azzjoni, u tista’ biss f’kazijiet kongruwi tinfluwixxi fuq il-piena.”

Dana huwa propju dak illi se taghmel din il-Qorti.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta’ u tiddeciedi illi tilqa’ in parti l-appell, tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma fejn sabet il-htija u flok ma torbot lill-imputat b’obbligazzjoni personali taht penali ta’ hames mitt ewro (€ 500) ghal zmien tnax-il (12) xahar milli jimmolesta lil Sarah Mallia, tilliberah taht il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kap 446 bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------